MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru. 629/2001

Il-Pulizija
(Spettur Marco Mallia)

vs

Joseph Fenech

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Joseph Fenech, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 389956(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-26 ta’ Lulju, 2001, ghall-habta ta’ l-10.30 ta’ filghodu, waqt li kien gewwa Triq Dicembru 13 il-Marsa, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ ta’ P.C. 751 Joseph Borg, waqt li dan kien qed jaghmel,

jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bi hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-
servizz (Art. 95 tal-Kodici Kriminali);

U aktar talli fl-istess hin u lok, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubbliku, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ kontra P.C. 751 Joseph Borg, meta saq fuqu bit-truck numru DAF -949 ta’ l-ghamla ERF, waqt lid an kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti. (Art. 96 tal-Kodici Kriminali);

U aktar talli fl-istess hin u lok, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku (Art. 338 *dd* tal-Kodici Kriminali);

U aktar talli fl-istess hin u lok, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew li wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe’ ta’ P.C. 751 Joseph Borg, jew ma halliex jew fixxklu waqt li dan kien qed jaghmel dmirijietu, jew b’xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmiru, billi ma halliehx jaghmel dak li bil-ligi kien ordnat jew setgha jaghmel, jew billi gab ix-xejn jew hassar dak li kien ghamel skond il-ligi. (Art. 338 *ee* tal-Kodici Kriminali);

U aktar talli fl-istess hin u lok, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubbika. (Art. 338 *bb* tal-Kodici Kriminali).

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 15 ta’ Ottubru, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit fl-atti a *folio* numru 12 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-12 ta’ Novembru, 2001 (*folio* numru 4).

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fis-26 ta’ Lulju, 2001 ghall-habta ta’ l-10.30a.m. fi Triq Dicembru 13, il-Marsa. Xi membri tal-Pulizija kienu rekbin f’vann ghaddejjin mill-imsemmija triq u sejrin mid-Depot bl-intenzjoni li jmorru Ta’ Kandja. Huma u ghaddejjin minn Triq Dicembru tlettax raw *traffic jam* kbira u nnutaw li kien sehh incident awtomobilistiku bejn trukk u vettura f’dik ir-rampa jew *slip way* li taghti ghal mini ta’ Santa Venera. Is-surgent 1451, Steven Crisp li kien riekeb fil-vann ta’ struzzjonijiet lill-Pulizija l-ohra li kienu fil-vann u cioe’ lil *P.C.*1316 Domnic Bugeja, PS 1594 Brian Caruana u *P.C.* 751 Joseph Borg sabiex jinfirxu tul Triq Dicembru 13 u jidderiegu t-traffiku. Huma kellhom jidderiegu vetturi kbar u *heavy vehicles* sabiex imorru lejn il-Furjana u dan peress li ma setghux jghaddu mit-telgha minhabba l-incident, u l-vetturi zghar kellhom jghaddu mit-telgha u jmorru lejn il-mini ta’ Santa Venera.

Mill-provi rrizulta li l-imputat Joseph Fenech, fl-imsemmija data, kien ghaddej mill-lokalita’ qed isuq it-trukk tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DAF 949 u ta’ l-ghamla ERF, liema trukk huwa trukk kbir minn dawk li jgorr il-gebel. Ritratti ta’ l-imsemmi trukk jinsabu esebiti a *folio* 40 tal-process. Jidher li nqaghlet kwistjoni ma’ *P.C.* 751 li dak il-hin kien
qed jidderiegi t-traffiku bil-mod hawn fuq imsemmi u l-akkuzi fil-konfronti ta’ l-imputat fil-kawza odjerna jirrigwardaw l-incident jew kwistjoni li nqaghlet bejn *P.C.* 751 Joseph Borg u l-imputat.

*P.C.* 751 Joseph Borg xehed fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru, 2002 spjega li waqt li hu u xi membri ohra tal-Korp kienu rekbin f’vann u ghaddejjin fi Triq Dicembru 13, raw li kien sehh incident bejn trukk u vettura zghira f’dik it-telgha li tiehu ghal mini ta’ Santa Venera u huma waqfu u segwew l-istruzzjonijiet ta’ PS 1451 li kien maghhom dwar

il-mod kif kellhom jidderiegu t-traffiku u kif ghandhom jinfirxu fit-triq. Huwa qalilhom sabiex jaqsmu t-traffiku fi tnejn fis-sens li *heavy vehicles* kellhom jigu diretti sabiex jghaddu lejn il-Furjana filwaqt li vetturi zghar kellhom jitilghu t-telgha u jibqghu sejrin lejn il-mini ta' Santa Venera. PS 751 spjega li huwa ha postu madwar tletin pass il boghod mill-bidu tar-rampa u beda jsegwi l-istruzzjonijiet moghtija lilu mis-Surgent meta f'hin minnhom resaq trukk tal-gebel lejh u s-sewwieq ta' dan it-trukk, li kien l-imputat odjern, beda jxejjer idejh u ried bilfors jghaddi mit-telgha. *P.C.*751 jghid li huwa ghamel sinjal lill-imputat sabiex jigbed lejn il-Furjana izda l-imputat kompla jxejjer idejh u
jinsisti li ried jghaddi mit-telgha ghaliex kien ser itawwal. *P.C.* 751 jinsisti li huwa spjega lill-imputat li ma setax
jghaddi milt-telgha ghaliex it-trukk tieghu ma kienx jghaddi minhabba l-incident. Dejjem skond *P.C.* 751, l-imputat beda jsir aggressiv u jirrejzja l-*gas* tat-trukk u hin minnhom beda miexi bil-mod fid-direzzjoni tieghu u *P.C.* 751 kien kostrett jersaq lura. "Kif rajtu li dan ma riedx jisma, avzajtu li ha jwegghani jekk jibqa' gej lejja u hu qalli li minn hemmhekk irid jghaddi. Kelli l-arma tieghi kienet qeghda ma' genb saqajja u qlajtha", ighid dan ix-xhud li jispjega li dak il-hin hassu mhedded ghaliex lill-imputat kien qallu diversi drabi sabiex isuq fid-direzzjoni izda inutilment. *P.C.* 751 jghid ukoll li malli l-imputat rah jaqla' l-arma aktar irvilla u beda jghidlu sabiex jisparalu u jheddu. Huwa jinsisti li dejjem halla l-arma f'idu tippunta l' isfel u zammha wara kuxxtejh. Skond dan ix-xhud, l-imputat baqa' jirrejzja t-trukk u kif kien ser jaqbad il-bidu tar-rampa dawwar l-*isteering* f'daqqa u telaq fid-direzzjoni tal-Furjana.

L-imputat li xehed fis-seduta tad-9 ta' April, 2003 spjega li huwa kien ghaddej mill-lokalita' msemmija bit-trukk tieghu u gie moghti direzzjonijiet mill-Pulizija ghaliex kien hemm habta u dawn qalulu biex jghaddi fid-direzzjoni tal-Belt.
Dawn ghamlulu sinjal u huwa waqaf hdejhom bit-trukk u staqsiehom minn fejn seta' jghaddi. L-imputat spjega li
huwa ried imur lejn il-Maghtab izda l-Pulizija qalulu li ma setax jghaddi minn hemm u huwa jghid li qalilhom kollox sew. Waqt li kien wieqaf *dead stop* ikellem lil dawn iz-

zewg Pulizija gie Pulizija  iehor li kien aktar ‘l quddiem u skond l-imputat dan beda jghajjat kemm jiflah sabiex l-imputat isuq. Dan ta’ l-ahhar jghid li malli kien ser isuq dan il-Pulizija hareg il-pistola ghalih u resaq quddiem it-trukk. L-imputat jghid li huwa ghalhekk baqa’ wieqaf ingranat u l-istess Pulizija resaq lejn it-trukk u beda jhabbat fuq il-*bonnet* tat-trukk u jaghti bil-ponn fuq it-trukk. Meta ra l-imputat xorta wahda baqa’ ma saqx, dan il-Pulizija mar hdejn il-bieba tat-trukk l-ewwel taha tlett daqqiet u mbaghad fetaha u ghalaqha bis-sahha u baqa’ jghajjat u jordna lill-imputat sabiex isuq jghid l-imputat. Sadanittant, il-Pulizija l-ohra li kienu magenb il-bieba tas-sewwieq fethu din il-bieba. L-imputat jispjega li malli l-Pulizija tbieghed mit-trukk huwa saq ‘il quddiem u mar lejn il-Belt. L-imputat spjega li ftit tal-hin wara gie mwaqqaf minn vettura tal-Pulizija, saritlu tfittxija fil-vettura, ittiehdulu l-*particulars* u ntalab sabiex imur Ta’ Kandja u jiehu l-licenzja. L-ghada baghat ghalih l-Ispettur Mangion u ghamel stqarrija, spjega l-imputat u
huwa gie mitlub iwaqqa’ l-kaz mill-Ispettur Edward Mangion u dan wara li kienu ttiehdu r-ritratti tat-trukk. L-imputat spjega wkoll li huwa kien tela’ jixhed fil-proceduri dixxiplinarji li ttiehdu fil-konfronti tal-Pulizija li kien hareg il-pistola.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u rrikonstatat certu diskrepanza fil-verzjonijiet tal-fatti moghtija mill-membri tal-Korp tal-Pulizija li gew prodotti bhala xhieda mill-istess prosekuzzjoni. *P.C.* 1310 Domnic Bugeja, per ezempju, jghid li *P.C.* 751 Joseph Borg fetah il-bieba tal-kabina tat-trukk misjuqa mill-imputat filwaqt li *P.C.* 751 xehed li kien *P.C.* 1310 li kien fetah il-bieba tat-trukk. Inoltre, *P.C.*1310 ma kienx kapaci jaghti spjegazzjoni kredibbli dwar kif *P.C.* 751 seta’ fetah il-bieba tal-kabina tat-trukk li kienet daqshekk fil-gholi waqt li kien qed izomm il-pistola warajh. *P.C.* 1310, in kontro-ezami ikkonferma li ra lil *P.C.* 751 jaghti daqqiet bil-ponn fuq il-*bonnet* tat-trukk filwaqt li *P.C.* 751 cahad li huwa kien mess it-trukk. *P.C.* 1594 Brian Caruana, min-naha l-ohra xehed li kien hu li fetah il-bieba tat-trukk ta’ l-imputat filwaqt li kif diga’ inghad aktar ‘l fuq,

*P.C.* 751 qed jghid li kien *P.C.* 1310 li ghamel hekk u dan ta' l-ahhar jghid li kien *P.C.* 751
li fetah il-bieba.

Il-Qorti jidrilha li l-kunflitt bejn il-verzjonijiet tal-fatti ghandha timmilita favur l-imputat u hija tal-fehma li l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuzi ma gewx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi anke ghaliex kif intqal fil-paragrafu precedenti hemm kunflitt fil-verzjonijiet tal-fatti moghtija mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti qeghda ghalhekk tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi.

Fil-fehma tal-Qorti, l-unika akkuza li giet pruvata hija r-raba' akkuza ghaliex ix-xhieda tal-prosekuzzjoni lkoll jaqblu li l-imputat ma obdiex mill-ewwel l-ordni moghtija lilu minn *P.C.* 751 sabiex imur fid-direzzjoni tal-Furjana u minflok insista li jitla' t-telgha. Din kienet ordni legittima moghtija lilu minn *P.C.* 751 fl-eskuzzjoni ta' dmirijietu bhala ufficjal pubbliku u l-imputat ma setghax jiddeciedi li jaghzel li ma jobdix mal-ewwel din l-ordni, kif fil-fatt ghamel.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuzi u tilliberah minnhom filwaqt li ssib lill-imputat hati tar-raba' akkuza u wara li rat l-Artikolu 338 *ee* tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ihallas ammenda ta' LM25.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------